# *QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA*

**SEDE CIVILI**

***MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.***

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' NOVEMBRU 2001**

**Avviz Nru: 1167/00DM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta assikuratrici estera CGU Insurance Plc., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincenza Aber**

**Vs**

***Anthony Micallef***

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li din l-Qorti:
1 tiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-28 ta' Awissu 1999 fil-Qawra waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. FBY 759, b'mod negligenti, inprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mall-vettura numru ABG 631 propjeta ta' assikurata tal-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2 tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-amont ta' erba mija u seba Liri Maltin u disa u sittin centezmi (Lm 407.69) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi

3 tikkundanna lil-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00) ta' ittra Ufficjali tat-2 ta' Marzu 2000 debitament notifikata, u ta' ittra ufficjali ohra ippresentat konteswalment ma l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Micallef fejn eccepixxa illi:

1) It-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra is-socjeta attrici stante li l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza sehh unikament minhabba htija tas-sewwieqa tal-vettura numru ABG 631 misjuqa minn l-assikurata Vincenza Aber;
2) Minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa esagerat;
3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat in-nota tas-socjeta attrici pprezentata fit-3 t'April 2001.

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju 2001 fejn il-konvenut kif assistit jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidrat:-

Illi mid-deposizzjoni stess tal-konvenut u anke mix-xhieda minnhu prodotti jirrizulta illi l-verzjoni moghtija minn Vincenza Aber hija l-verzjoni korretta u fidili ta' kif grat il-kollizzjoni. Infatti l-istess konvenut jistqarr illi huwa kien qieghed isuq il-vettura ossia l-Bus tieghu fuq in-naha tal-lemin tat-triq, ried jidhol fuq in-naha tax-xellug tat-triq

billi u l-vizwali tieghu, stante l-kobor tal-vettura kienet limitata ma setghax jzomm ‘a proper look out’ dwar dak it-traffiku li setgha kien fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Ghaldaqstant ir-responsabbilta hija esklussivament tieghu u ma kellux jipprocedu jekk ma kienx accertat definittivament illi ma kienx ser jostakola xi traffiku illi kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi issib illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghal din il-kollizzjoni u ghalhekk jrid jghamel tajjeb ghad-danni illi soffrew l-atturi liema danni ma gewx ikkontestati.

Ghaldaqstant qieghdha tilqa t-talbiet attrici u qieghdha tikkundannah lil-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ Lm407.69 (erbgha mija u sebgha liri Maltin u disa’ u sittin centezmi) danni likwidati konsegwenza tal-kollizzjoni li grat mill-20 t’Awissu 1999 imsemmija fl-avviz liema kollizzjoni grat unikament tort tal-konvenut.

Tordna wkoll lill-konvenut jhallas l-imghaxijiet legali b’effett mill-13 ta’ Settembru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

……………………………………

Magt Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

A. Farrugia
Dep.Reg
Civ27